Kif iħares l-IŻLAM lejn It-Terroriżmu?

"Min joqtol bniedem... ikun bħallikieku qatel il-bnedmin kollha."
(Il-Koran, 5:33)

"U la toqtlux ir-ruħ li Alla qaddes, jekk mhux bil-ħaqq."
(Il-Koran, 6:152)

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

KIF IĦARES L-IŻLAM LEJN IT-TERRORIŻMU

Illum ħafna problemi jdawru l-umanità, bħal dawk ekonomiċi, soċjali, fiżiċi u sentimentali, flimkien ma' diżastri varji. Barra minn hekk, waħda mill-karatteristiċi distinti taż-żmien li aħna ngħixu fih hija l-preżenza tal-vjolenza kbira fis-soċjetajiet tagħna. Xi drabi naraw splużjonijiet ta' bombi fis-swieq; xi drabi ħajġeks ta' ajruplani fejn nies huma miżmuma għal skopijiet politiċi jew personali. Ngħixu fi żmien fejn il-manipulazzjoni u t-telfien ta' ħajjiet innoċenti saru xi ħaġa tas-soltu. Din il-problema tal-vjolenza qiegħda ddur kull fejn tmur u t-terroriżmu huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-ikbar perikli għall-paċi u s-sigurtà fis-soċjetajiet tagħna.

It-terroriżmu jinsab madwar id-dinja kollha u jidher f'forom varji. Xi drabi nsibu xi Musulmani jew xi gruppi ta' Musulmani involuti f'dawn l-attakki terroristiċi u suwiċidjali. Minħabba dawk il-ftit Musulmani, u l-azzjonijiet ħżiena li jwettqu, b'xorti ħażina r-reliġjon tal-Iżlam hija miżmuma responsabbli għall-atti tagħhom.

Skont it-tagħlim Iżlamiku, Musulman veru qatt ma jista' jagħmel dawk l-affarijiet ħżiena. Dan għaliex fl-Iżlam m'hemm l-ebda spazju għat-terroriżmu, ma jaqbilx mal-idea tal-vjolenza, jew oħrajn simili bħall-fanatiżmu u l-attakki suwiċidji. L-Iżlam dejjem jitkellem kontrihom.

Musulman VERU

L-Iżlam huwa r-reliġjon ta' paċi, imħabba, tolleranza, armonija u ħbiberija. L-Iżlam jopponi t-terroriżmu f'kull forma għaliex il-kelma 'Iżlam' tfisser litteralment 'paċi u sliem'. Id-dmir ta' kull Musulman li jżomm il-paċi għandu tant għeruq fondi fl-Iżlam li l-Koran Imqaddes jiddeskrivi l-Musulmani veri hekk:

"Il-qaddejja ta' Alla tal-Ħniena huma dawk li jimxu fl-art b'mod dinjituż, u meta l-injoranti jindirizzawhom, huma jgħidu: "Paċi u sliem." (Il-Koran 25:64)

Il-Ħames Kalif tal-Komunità Aħmadija, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], jgħid:

"It-tagħlim bażiku u fundamentali tal-Iżlam hu li l-Musulman veru huwa persuna li minn ilsienu u idu, kull persuna li tħobb il-paċi għandha tħossha sigura... L-Iżlam jgħallem li dawk biss li jużaw ilsienhom u idhom biex ixerrdu l-inġustizzji u l-mibegħda jixirqilhom il-kastig."[1]

L-IŻLAM KATEGORIKAMENT JIĊĦAD IT-TERRORIŻMU

Ir-raba' Kalif tal-Komunità Aħmadija, Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh], jispjega kif l-Iżlam iħares lejn it-terroriżmu bl-iktar mod ċar. Hu qal:

"L-Iżlam kategorikament jiċħad u jikkundanna kull forma ta' terroriżmu. Ma tipproteġix u ma tiġġustifikax kwalunkwe att vjolenti, kemm jekk isir minn xi individwu kif ukoll minn xi grupp jew gvern... L-Iżlam huwa t-twemmin u r-reliġjon tiegħi; u l-Iżlam ma jippermetti l-ebda forma ta' diżordni. Għaldaqstant huwa impossibbli li l-Iżlam jgħallem it-terroriżmu...

Jien nikkundanna bil-qawwa kollha kull att u kull forma ta' terroriżmu għaliex hu t-twemmin tiegħi profond li mhux biss l-Iżlam iżda wkoll l-ebda reliġjon vera, hu x'inhu l-isem tagħha, ma tista' tapprova l-vjolenza u t-tixrid tad-demm ta' rġiel, nisa u tfal innoċenti f'isem Alla.

ALLA huwa mħabba, Alla huwa sliem! L-Imħabba qatt ma tnissel il-mibegħda u l-paċi qatt ma twassal għall-gwerra!"[2]

Il-Ħames Kalif tal-Komunità Aħmadija, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], jgħid:

"Il-mistoqsija għandha titnissel, mela għaliex hawn gruppi terroristiċi Musulmani li qed joqtlu ħafna nies innoċenti, jew għaliex hawn gvernijiet Musulmani, li biex ikomplu jiggranfaw mas-siġġijiet tal-poter tagħhom, qed jordnaw il-qtil tal-massa ta' ċittadini ta' pajjiżhom stess?

Ħalli nagħmluha assolutament ċara li fil-verità, dawn l-atti barbari jmorru kompletament kontra t-tagħlim veru tal-Iżlam. Il-Koran Imqaddes ma jagħti l-ebda permess, taħt l-ebda ċirkostanza, għall-estremiżmu jew it-terroriżmu."[3]



IL-QDUSIJA
Tal-Ħajja Umana

"U la toqtlux ir-ruħ li Alla qaddes, jekk mhux bil-ħaqq." (Il-Koran 6:152)

"Alla jagħti l-ħajja u l-mewt, u Lejh titreġġgħu lura." (10:57)

L-Iżlam mhux biss jemmen fl-aktar dritt bażiku u fundamentali tal-bniedem li jgħix, iżda fil-fatt jippromwovi l-qdusija tal-ħajja umana u jagħmel ħafna enfasi fuq il-ħarsien tal-qdusija u d-dinjità tal-ħajja umana. Biex jenfasizza l-kruha tal-qtil ta' ħajja innoċenti, il-Koran Imqaddes iqabbel dan id-delitt mal-qtil tal-umanità kollha. Il-Koran Imqaddes jgħid:

"Min joqtol bniedem... ikun bħallikieku qatel il-bnedmin kollha. U min isalva l-ħajja (ta' xi ħadd), ikun bħallikieku salva lill-bnedmin kollha." (5:33)

Il-qtil tal-persuni innoċenti u l-att ta' suwiċidju huma żewġ dnubiet serji ħafna fl-Iżlam. Il-Koran jikkundanna s-suwiċidju u huwa dnub li ma jinħafirx fl-Iżlam. Alla jgħid:

"La toqtlux lilkom infuskom! Alla tabilħaqq huwa Ħanin magħkom. U min jagħmel hekk b'aggressjoni u b'inġustizzja, se naħarquh fin-Nar." (4:30-31)

Fl-aħħar diskors, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] għal darba oħra reġa' enfasizza l-qdusija tal-ħajja umana, u quddiem eluf kbar ta' nies qal:

"Alla għamel il-ħajja, il-propjetà u l-unur ta' kull persuna sagri. Li wieħed jieħu l-ħajja jew il-propjetà ta' xi ħadd jew jattakka l-unur tiegħu huwa inġust u ħażin daqs li wieħed jattakka l-qdusija ta' dan il-jum, dan ix-xahar, dan it-territorju. Dak li qed nikkmandakom illum ma jgħoddx biss għal-lum. Jgħodd għal dejjem. Intom mistennija li tiftakruha din u li tobduha sakemm tħallu din id-dinja u tmorru fl-oħra biex tiltaqgħu mal-Ħallieq tagħkom."[4]

Kunċetti żbaljati tal-Ġiħad

Il-kunċett tal-Ġiħad fl-Iżlam kien suġġett ta' kontroversja kbira fis-snin riċenti. 'Ġiħad' hi kelma Għarbija li tfisser: 'tistinka biex tilħaq xi oġġettiv partikolari'. Il-Ġiħad għandha tkompli bl-isforz spiritwali biex tikseb qrubija ma' Alla u biex isservi l-umanità. Il-qtil ta' persuni innoċenti mhuwiex Ġiħad, kif spjega l-Messija Mwiegħed[as], il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija. Hu jgħid:

"Xi Musulmani slavaġ jirreferu għat-tixrid tad-demm krudil bħala Ġiħad, u ma jafux li meta tikkonfronta ħakkiem ġust, din tissejjaħ ribelljoni u mhux Ġiħad." [5]

"It-tixrid tal-idea fost il-Musulmani li jattakkaw lil dawk in-nies li jħaddnu reliġjonijiet oħra, u li huma jsejħulha Ġiħad, mhijiex gwerra legali, għaliex huwa ċar li qed tmur kontra l-kmandament ta' Alla u l-Profeta Muħammad[sa], u dan hu dnub kbir."

"Ġejt għandkom b'ordni: il-Ġiħad bis-sejf spiċċa mil-lum 'il quddiem, imma l-Ġiħad li jsaffi l-erwieħ għandu jkompli."[6]


The challenge of extremism

Jihad against extremism and oppression

Dark clouds of extremism and terrorism

Islam condemns all forms of terrorism

The death of liberalisation

1. Indirizz minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], Kap tal-Komunità Aħmadija, fil-Parlament Ewropew
2. Qtil fl-Isem ta' Alla, paġni 116-120
3. World Crisis and the Pathway to Peace, p. 56-57
4. Indirizz Aħħari tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] fil-Mekka f'jum il-pelegrinaġġ għall-Musulmani
5. *Tohfa-e-Qaisarya, Ruhani Khazain*, vol. 12, p. 280
6. *Government Engraizi aur Jihad, Ruhani Khażain*, vol: 17, p. 14-17

L-Iżlam u l-Paċi tad-Dinja

L-Iżlam jenfasizza ħafna biex il-paċi tiġi stabbilita fis-soċjetà u dawk li jagħmlu l-ħsara huma t-telliefa. Il-Koran Imqaddes jistqarr:

- *"Alla jsejjaħ għal dar is-sliem."* (Il-Koran K 10: V 26)
- *"Il-konċiljazzjoni, il-ftehim u l-paċi huma l-aħjar."* (4:129)
- *"Alla ma jħobbx il-ksur tal-paċi."* (2:206)
  "Alla ma jħobbx lil dawk li jiksru l-paċi." (5:65)
- *"Dawk li jagħmlu l-ħsara fl-art huma t-telliefa."* (2:28)
- *"Intom li temmnu, obdu lil Alla u obdu lill-Messaġġier (Tiegħu), u lil dawk li għandhom l-awtorità fuqkom."* (4:60)
- *"Ma hemmx ġid f'ħafna konferenzi tagħhom, ħlief ta' dak li jamar il-karità, jew l-għemil it-tajjeb, jew il-paċi bejn in-nies. Min jagħmel hekk, bix-xewqa li jogħġob lil Alla, se nagħtuh ħlas mill-kbir."* (4:115)

Dawn il-versi juru biċ-ċar kemm hu importanti l-paċi fl-Iżlam. Il-ħidma għall-paċi titqies bħala għemil tajjeb ħafna u għandha ħlas kbir mingħand Alla, għax Hu jħobb lil dawk li jħobbu u jipprattikaw il-paċi bejniethom.

Lealtà • Helsien • Rispett • Ugwaljanza • Paċi

Imħabba għal kulħadd - Mibegħda għal ħadd

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

"What does Islam say about Terrorism?"
In Maltese Language

By Laiq Ahmed Atif
First Published in Malta (2013)
By Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
www.ahmadija.org.mt

Email: amjmalta@gmail.com
Mob: +356 79320139 | Tel: +356 27342401
Tel: +356 21322105 Fax: +356 27322105
www.ahmadiyyamalta.org